**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Jannar, 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1468/00JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` estera ta' the Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Il-Baraka Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' tmienja u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm58.80) kwantu ghal wiehed u hamsin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm51.13) *royalty*, u seba' liri Matin u sebgha u sittin**

**centezmu (Lm7.67) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess *royalty* dovuti bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.010578 (Dok.A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment "Stera Restaurant", ghall-perijodu mis-6 ta' Mejju, 2000, sal-5 ta' Mejju, 2001.**

**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta'l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk ta'l-ittra legali ta' l-1 ta' Awissu, 2000, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikat baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u a tenur ta'l-Artikolu 13(b) ta'l-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-**

**socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' tmienja u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm58.80), bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Mejju, 2000, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta'l-ittra legali ta' l-1 ta' Awissu, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**